**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru: 521/2006**

**Il-Pulizija**
**(Supretendenti Josric Mifsud)**

**Vs.**

**Ronald Gerada**

**Illum 24 ta' Gunju 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ronald Gerada, detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 274878M;

talli fil-lejl ta' bejn il-25 u is-26 ta' Mejju, 2006, gewwa Triq Lorenza Gafa', Mosta:

a) Seraq vettura tat-tip Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni BBP765 liema vettura tiswa aktar minn Elf Lira Maltin (Lm1000.00) ghad-detriment ta' Louis Micallef, liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, mezz, hin, u persuna;

b) Fl-istess hin, lok u cirkostanzi seraq ghodda li jiswew aktar minn mitt Lira Maltin (Lm100.00) ghad-detriment ta' Louis Micallef, liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, mezz, hin, u persuna;

c) U aktar talli nhar is-26 ta' Mejju, 2006, ghal habta tad-21:00 ta' filghaxija gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Mosta, bi vjolenza u theddid gieghel lil PC22 Stephen Micallef u PC40 Raymond Saliba bhala ufficcjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz ai termini tal-artikolu 91, tal-kodici Kriminali Kap 9;

d) Ukoll talli fl-istess hin data u cirkostanzi bil-hsieb li ttellef jew jnaqqa il-gieh ta' PC22 Stephen Micallef u PC40 Raymond Saliba wegghom bi kliem b'gesti b'kitba, b'figuri jew b'disinji mxandra jew esposti fil-pubbliku u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 252(1), (2) tal Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) U aktar talli kiser il-mistrieh tan-nies b'ghajjat.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista' ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal ta' l-20 ta' Gunju 2012 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tal-05 ta' Frar 2020.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

**L-Ispettur Josric Mifsud** xehed nhar il-21 ta' Lulju, 2006 fejn spjega li nhar is-26 ta' Mejju 2006 dahlilhom rapport li kien hemm vann pick-up bil-ghodda go fih misruq minn garaxx gewwa l-Mosta. Xehed li x'hin il-foreman mar biex jigbor il-vann sabiex imur ghax-xoghol, sab il-vann nieqes. Irrizulta li l-bieb ta' l-istess garaxx ma kienx sfurzat izda kien miftuh b'cavetta. Spjega li l-ghodda ta' gol-vann kien jaqbez il-hames t'elef Lira (Lm 5,000). Huwa jzid li bhala parti mill-investigazzjoni, huma baghtu ghall-haddiema li kien jahdmu mal-kuntrattur fosthom Ronald Gerada. Madwar is-saghtejn ta' wara nofsinhar, gew infurmati li l-vann kien qieghed hdejn ir-round about ta' Rahal Gdid u gie mgharraf ulterjorament minn PC40 u PC22 li fil-lejl ta' qabel ghall-habta tat-tlieta u nofs jew l-erbgha nieqes kwart ta' filghodu huma kienu qieghdin jaghmlu roadblock fejn mal-hin ghadda persuna b'dan il-vann. Huwa gie mwaqqaf izda s-sewwieq qallhom li ma kellu ebda dokument ta' identifikazzjoni mieghu u wisq anqas ma ftakar in-numru tal-karta ta' l-identita'. Huwa

infurmahhom li huwa joqghod vicin, huma talbuh ihalli l-karozza fuq il-post u jmur igib dokument ta' identifikazzjoni izda sakemm kienu hemm huma ma regax lura tant li l-vettura baqghet ipparkjata sa l-ghada meta huma dahlu 'second watch'.

Spjega li meta marru l-ghassa tal-Mosta kien hemm il-haddiem tal-kuntrattur, huwa identifika lil Ronald Gerada bhala l-persuna li waqqaf il-lejl ta' qabel u konsegwentament kien hemm glieda bejn Ronald Gerada u PC40 u PC22. Waqt l-interrogazzjoni x-xhud spjega li Ronald Gerada cahad l-involviment tieghu fil-kaz.

Nhar il-5 ta' April, 2017 l-Ispettur Josric Mifsud xehed in kontro ezami. Mistoqsi kemm damet il-vettura fejn giet ipparkjata, huwa rrisponda li l-ghada filghodu kien dahal rapport ta' serq ta' trakk bl-ghodda fih. Spjega li tkellmu mas-sid tal-vann u kompla jghid li jekk jiftakar sew huwa kien taghhom direzzjoni fuq is-sur Gerada.

**PC40 Raymond Saliba** xehed nhar il-21 ta' Lulju, 2006 u iddikjara illi fis-26 ta' Mejju, 2006 huwa flimkien ma' PC22 kienu qeghdin jaghmlu road checks fejn ir-roundabout msejha Ta' Sare' gewwa Rahal Gdid meta ghall-habta ta' l-erbgha nieqes kwart ta' filghodu waqfu vann tat-tip Isuzu targat BBP765 ta' lewn abjad bil-kaxxa u jghid li talbu lis-sewwieq jipprovdilhom dokument ta' identifikazzjoni, huwa infurmahom li ma kellu xejn mieghu izda li kien seta' jipprovdilhom tali dokumentazzjoni peress li kien joqghod vicin. Ix-xhud kompla jispjega li huma talbuh ihalli l-vann hemm u jmur

ghad-dokumentazzjoni izda ma rritornax. L-ghada huwa kien second watch u gibdulu l-attenzjoni li l-vann kienu ghadu fil-post fejn thalla mill-gurnata ta' qabel. Spjega li kif mar fuq il-post fejn kien thalla l-vann ipparkjat u hemm sab lis-sid ta' l-istess vann li nfurmah li l-vann kien fil-garaxx gewwa l-Mosta.

Ix-xhud identifika li s-sewwieq tal-vann kien Ronald Gerada ghaliex mar hdejn il-bieba tax-xufier u gharaf l-istatura tieghu u meta mar gewwa l-ghassa tal-Mosta mal-ewwel gharfu. Ix-xhud spjega li meta kienu qieghdin jistennew lill-Ispettur sabiex ikellimhom gewwa l-ghassa tal-Mosta, Ronald Gerada qalilhom xi kliem, liema kliem ix-xhud ma jiftakarx x'kien u qalilhom "jekk tridu niggieldu meta ma tkunux bl-uniformi u haga w ohra, speci kien provokattiv u haga w ohra" (folio 50 tal-process).

In kontro ezami, mistoqsi kemm kien hemm nies, huwa spjega li kien hemm tnejn filwaqt li kompla jghid li lil Ronald Gerada aktarx kien rah f'xi hanut tat-te' Haz-Zabbar.

**Louis Micallef** xehed fil-25 ta' Mejju, 2009 fejn xehed li huwa sid vettura tat-tip Isuzu pick-up abjad bil-kaxxa griza li giet misruqa madwar tlett snin qabel mill-garaxx tieghu gewwa l-Mosta. Spjega li kellu l-ghodda tal-bennejja inkluz *jigger*, *chasers* etc fil-vann. Kompla li filghodu marru fil-garaxx izda sabu l-bieb imbexxaq u l-vann nieqes. Mitlub jghid kemm jiswa l-vann huwa spjega li jiswa madwar hames t'elef u hames mija filwaqt

li l-ghodda ta' go fih kienet tammonta mas-sitt t'elef Lira. Spjega li ma sabux sgass stante li l-bieb infetah b'cavetta.

Spjega li huwa sab il-vettura tieghu gewwa t-telgha ta' Rahal Gdid inkluz l-ghodda kollha. Mistoqsi jispjega ghaliex ma sabx sgass, huwa spjega li huwa jhalli c-cavetta fil-vann biex jekk jkunu fuq il-lant tax-xoghol u jkollhom bzonn xi ghodda, jkunu jistghu jmorru l-garaxx, filwaqt li kompla jghid li gurnata qabel is-serqa kienu sitta jew sebgha nies jahdmu. Madanakollu jghid li ma jiftakarx in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura tat-tip Isuzu abjad bil-kaxxa griza.

In kontro ezami x-xhud ikkonferma li huma kienu jhallu c-cavetta fil-vann u li ma kienx is-sur Gerada biss li kellu access ghaliha.

**PC22 Stephen Micallef** xehed nhar id-9 ta' Lulju 2009 fejn spjega li fis-26 ta' Mejju 2006 kienu qieghdin jaghmlu road block mar-roundabout li taghti ghat-telgha ta' Sir Paul Boffa, Rahal Gdid u f'hin minnhom gie trakk b'kaxxa wara li fih kien hemm l-imputat Ronald Gerada li nfurmahom li ma kellu ebda dokument ta' identifikazzjoni u ried li jmur ghalihom id-dar. Spjega li x-xufier ipparkja t-trakk mal-genb tat-triq u ma rawhx aktar. Kompla jghid li l-ghada irrizultalhom li t-trakk kien misruq filwaqt li kkonferma li huwa jaghraf lill-imputat bhala s-sewwieq tat-trakk u dan mill-fattizzi ta' wiccu u x-xebh.

Ix-xhud kompla li waqt li kienu gewwa l-ghassa tal-Mosta l-imputat prova jhebb ghal PC40 “fis-sens li prova jsawwtu, prova jaggredih” u kellhom izommuh.

Nhar il-5 ta’ April, 2017 l-istess xhud xehed in kontro ezami fejn spjega li waqt roadblock fejn Sare’ roundabout tar-Rahal Gdid fejn waqfu s-sewwieq tat-trakk li pparkja l-vettura mal-genb sabiex igib dokumentazzjoni ta’ identifikazzjoni izda sal-hin li kellhom jitilqu minn fuq il-post, is-sewwieq ma kienx ghadu mar lura ghall-vettura. Mistoqsi x’gara fl-ghassa tal-Mosta huwa spjega li attakka lil PC40 u zammewh milli kompli jattakka lill-kollega tieghu.

**Ronald Gerada** xehed nhar is-7 ta’ Frar 2018 fejn spjega li huwa mhuwiex hati. Mistoqsi jekk qattx saritlu search gewwa d-dar tieghu, huwa rrisponda fin-negattiv u wisq anqas sabu oggetti misruqa fuqu.

Kompla jghid li huwa kien jahdem ma’ Louis Micallef u filghodu mar ghax-xoghol izda gew mitluba mill-imghallem sabiex l-impjegati kollha jmorru l-ghassa tal-Mosta minghajr ma nfurmawhom ghaliex. Huwa jghid li gewwa l-ghassa huma damu gurnata shiha u bdew jigu mitkelma. Zied li x’hin minnhom is-suspett kien fuq Raymond Psaila izda wara bdew jissuspettaw li kien huwa.

Spjega li dahlu zewg pulizija li kienu jkunu l-venda ghand il-Babilonia Bar jaqraw l-gazetta u jiehdu t-te u li kien jara spiss. Huwa mar jaghmel toilet fl-ghassa stess

u l-ufficcjali hasbu li harab tant li qabadhom paniku shih u marru jaqbduh tant li ghamlulu zewg girfiet u ried imur il-polyclinic sabiex jaghmlilhom certifikat. Xehed li dawn it-tnejn riedu jsawtuh u tefgghuh go cella mimlija bottijiet taz-zebgha u hallewh sas-siegha ta' filghodu hemm hekk.

Mistoqsi jekk fill-passat kellux okkazjonijiet fejn kellu x'jaqsam mal-Pulizija huwa jirrispondi li ma jiftakarx ezatt meta kien.

In kontro-ezami, mistoqsi biex jikkonferma li huwa gie mwaqqaf hdejn Sare' roundabout huwa rrisponda fin-negattiv. Ix-xhud jispjega li waqt li kien qieghed fl-ufficcju ta' l-ispettur gewwa l-ghassa tal-Mosta, u l-argument ma' zewg ufficjali inqala' ghaliex dawn ta' l-ahhar hasbu li kien harab u mhux kif qed tghid il-Prosekuzzjoni ghaliex l-istess ufficjali gharfuh. Jzid li fil-fatt huwa kien sejjer it-toilet.

Nhar l-20 ta' Frar, 2019 xehdet **Lorraine Vella**, omm it-tifla ta' l-imputat. Hija spjegat li damet f'relazzjoni ma' l-imputat minn meta kellha l-eta ta' tlettax/erbatax-il sena filwaqt li spjegat li ilha tnax (12) sena mhux f'relazzjoni ma' l-imputat izda fi zmien l-allegat serq huma kienu ghadhom f'relazzjoni tant li kienet irceviet telefonata fejn giet mistoqsija jekk l-imputat kienx id-dar rieqed dak il-lejl, f'liema istanza hija rrispondiet fil-pozittiv u ziedet tghid li huwa hareg filghodu bhas-soltu.

Ikkunsidrat:

## 1. L-Ewwel u t-Tieni Imputazzjoni

Wara li din il-Qorti fliet u studjat ix-xhieda kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza, thoss li x-xhieda ta' PC 40 u PC22, hija prova sufficjenti li twassal sal-grad rikjest mil-Ligi in kwantu huma t-tnejn identifikaw personalment u pozittivament lill-imputat ftit tal-hin wara s-serqa u dan waqt li l-imputat kien fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta ghall-interrogazzjoni. In oltre, l-Qorti tinnota li l-istess PC 40 u PC22 gharfu lill-imputat pozittivament fl-awla meta gew biex jixhdu.

PC40, xehed b'mod car li fis-26 ta' Mejju 2006 ghall-habta ta' l-erbgha nieqes kwart ta' filghodu huwa flimkien ma' PC22 kienu qieghdin jaghmlu *road checks* fejn ir-roundabout maghrufa bhala Ta' Sare', li tigi aktar 'l isfel minn Corradino Hill meta raw vann tal-kulur abjad bil-kaxxa tat-tip Isuzu BBP 765 jinstaq u waqqfuh.

PC40 jispjega "*... jiena u PC 22 morna n-naha tax-xufier u tlabnieh l-ID card jew xi tip ta' dokument iehor biex jiddentifika ruhu u dan ma kellux ...*" (folio 47 tal-process) filwaqt li kompla jiccara li "*jiena kont in-naha tieghu, gejt mal-bieba tieghu stajt naghraf l-istatura tieghu u filghaxija meta ghajjatli l-ispettur biex imur l-ghassa l-Mosta ghax kien qed izomm xi nies ghall-interogazzjoni, jien mill-ewwel gharaftu lilu, jiena u PC 22*" (folio 47-48 tal-process).

PC 22 fix-xhieda tieghu kkonferma li huwa jaghraf lill-imputat bhala l-persuna li kien qieghed isuq il-vann u meta mistoqsi kif wasal ghall-imputat huwa spjega "*mill-fatizzi ta' wiccu sir, mix-xebh*" (folio 158 tal-process).

Il-Qorti għarblet ix-xhieda tal-ufficjali PC40 u PC22 mill-għarbiel tal-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali u rat li kien l-istess ufficjali li xehdu ċar fi kliemhom, kienu konsistenti fix-xhieda taghhom, u l-identifikazzjoni taghhom tal-imputat kienet waħda konvinċenti.

Din il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-Liġi li kien l-imputat li wettaq is-serqa a detriment ta' Louis Micallef. Dak li din il-Qorti ma tistax issib ħtija dwaru hija l-kwalifika imputata ai termini tal-Artikolu 263[1] u ai termini tal-Artikolu 270[2] tal-Kodiċi Kriminali u dan peress li ma jirrizultax li ebda wahda mill-istanzi imsemmija fl-Artikolu li jsemmi l-mezz. In oltre, lanqas ma gie ppruvat il-hin fejn l-istess vann gie misruq. Kull ma inghad kien li l-vann gie pparkjat fil-garaxx madwar l-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar tal-25 ta' Mejju u sabuh nieqes l-ghada filghodu. Mill-banda l-oħra mix-xhieda ta' Louis Micallef jirriżulta li l-vann misruq kien jammonta għal madwar hames t'elef u hames mitt Lira Maltin, filwaqt li l-ghodda kienu jiswew mas-sitt elef lira. Il-Qorti tinnota li minkejja li l-Prosekuzzjoni ma

[1] Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"mezz" -(a) meta jsir bi ksur ta' ġewwa jew ta' barra, b'imfietaħ foloz, jew bi skalata; (b) meta l-ħalliel jiżbogħ wiċċu, jew jilbes maskra jewgħata oħra tal-wiċċ, jew jagħmel xi tibdil ieħor fl-ilbies jew fis-sura, jew meta, sabiex jagħmel is-serq,jieħu t-titolu jew il-libsa ta' uffiċjal ċivili jew militari,jew jippretendi li għandu ordni maħruġ minn awtoritàpubblika li jkun falz, ukoll jekk dawn il-mezziqarrieqa ma jkunux fil-fatt swew biex igħinu s-serq,jew biex ma jikxfux il-ħalliel.
[2] Huwa ikkwalifikat bil-"ħin" is-serq li jsir bil-lejl, jiġifieri,bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx

ezebiet ebda dokumentazzjoni dwar dan, ix-xhieda ta' l-istess Micallef kienet kredibbli u b'hekk il-kwalifika tal-valur skont l-Artikolu 267 tal-Kodiċi Kriminali hija pruvata. In oltre irrizulta pruvat l-aggravju tal-persuna a tenur ta l-artikolu 268 u tal-hin a tenur ta l-arrtiklu 270.

**2. It-Tielet Imputazzjoni**

L-artikolu 91 tal-Kap 9 jghid:

*Kull min bi vjolenza jew b'theddid iġiegħel uffiċjal pubbliku li jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tiegħu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa ħames snin u għal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (4,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (10,000).*

Illi in sosten ma din l-akkuza, l-Prosekuzzjoni produciet ix-xhieda ta' PC40 u PC 22. PC 40 xehed li Ronald Gerada qalilhom xi kliem, liema kliem huwa ma jiftakarx x'kien filwaqt li PC 22 spjega l-imputat prova jhebb ghal PC40 "*fis-sens li prova jsawwtu, prova jaggredih*" u kellhom izommuh. Il-Qorti tirrileva li x-xhieda taz-zewg ufficcjali lanqas ma hija konsistenti fis-sens illi filwaqt li PC40 xehed li nghad xi kliem PC22 spjega li l-imputat ried jaggredih fizikament.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull

dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et'** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni.*'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn Lord Denning fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of*

*course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader'** hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**':

"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."

Bhala konkluzjoni dwar x'inhi l-ahjar prova, il-Qorti tissottolineja li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Applikat dan il-principju ghall-kaz odjern, il-Qorti tinnota li minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li ghajr ghal PC 40 u PC 22, iI-Prosekuzzjoni ma produciet ebda xhud okulari li ra jew sema' lill-imputat jikkommetti xi wiehed mir-reati li jinsab akkuzat bihom fil-proceduri odjerni u dan qieghed jinghad peress li l-Qorti konoxxenti tal-fatt li kien hemm diversi nies prezenti u ghalhekk in linea mal-principju kardinali u baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni, il-Qorti sejra tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza.

In oltre l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex jirrizulta r-reat that l-Artikolu 95 ma gewx sodisfatti.

**3. Ir-Raba' imputazzjoni**

Illi qabel ma' l-Qorti sejra tikkonsidra l-provi migjuba quddiemha in sostenn mar-raba' imputazzjoni, sejra fl-ewwel lok tirrileva li l-artikolu 252 tal-Kap 9 gie abbrogat permezz ta' Att XI tal-2018. Minkejja li l-ebda parti ma ssoleva din il-vertenza, il-Qorti thoss li hija ghandha tqajjem din il-vertenza hija stess u dan in vista tal-principju *Nullum crimen sine lege*.

L-Artikolu 252 (1) kien jghid:

**252.** (1) Kull min, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas

il-ġieh ta' xi ħadd, iweġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien…..

Illi ma jirrizultax li l-legizlatur ipprovda ghal transitory provision. Madanakollu il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Morgan Ehi Egbomon**, deciza fil-31 ta' Lulju 2014 trattat istanza simili ghal dik odjerna:

*22. As appellant points out, Legal Notice 463/2004 was repealed by Legal Notice 149/2007, and the latter Legal Notice contains no transitory provision. However, the Interpretation Act (Chapter 249 of the Laws of Malta) provides in article 12:*

*"(2) Where an Act, whether passed before or after the commencement of this Act, amends any other Act passed either before or after the commencement of this Act, or any provision of any such other Act, the Act or provision so amended, as well as anything done thereunder or by virtue thereof, shall, unless the contrary intention appears, continue to have full effect, and shall so continue to have effect as amended, and subject to the changes made, by the amending Act.*

*"(3) For the purposes of subarticle (2) 'amendment' means and includes any amendment, modification, change, alteration, addition or deletion, in whatsoever form or manner it is made and howsoever expressed, and includes also a provision whereby an Act or a provision*

*thereof is substituted or replaced, or repealed and substituted, or repealed and a different provision made in place thereof."*

*23. Moreover, article 2 of the Interpretation Act defines "Act" as "an Act of Parliament and any other Act passed by the Legislature of Malta and includes any code, ordinance, proclamation, order, rule, regulation, bye-law, notice or other instrument having the force of law in Malta other than an instrument to which the Act of the Parliament of the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland entitled the Interpretation Act, 1889, applies".*

*24. On examining Legal Notice 463/2004 and Legal Notice 149/2007, it would appear that the substance of these two Legal Notices is the same. Both carry an obligation on any person to declare to the Comptroller of Customs on entering or leaving Malta (and in the case of L.N. 149/2007 even in transiting Malta) any sum of money exceeding, in the case of L.N. 463/2004 Lm5000, and in the case of L.N. 149/2007 Lm4,293. Both carry the obligation to make such declaration on the apposite form indicated in the Schedule to the regulations. Both carry the same punishments for a false declaration or the failure to declare……*

25. Although, therefore, the recipient of the information provided by the Comptroller of Customs has changed, the obligation to declare has remained unchanged, the crimes established by both Legal Notices have remained

unchanged and so too the consequent penalties. Consequently, although Legal Notice 463/2004 was repealed, the provisions of Legal Notice 149/2007 clearly show that there was no intention to repeal its effect. Both the making of a false declaration and the failure to declare are crimes now as much as they were when Legal Notice 463/2004 was in force…… Appellant's second grievance is thus also dismissed.

In oltre, l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fuq l-eccezzjoni preliminari moghtija mill-Qorti Kriminal fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daniel Felice** tat- 22 ta' Settembru, 2016 fejn inghad:

*Illi il-principju tad-dritt penali iccitat mill-akkuzat ta' nullum crimen sine lege necessarjament ifisser illi ebda persuna ma tista' tigi akkuzata b'att jew omissjoni li ma kienx jikkostitwixxi reat fiz-zmien meta sehh u dan ghaliex hija permezz tal-ligi biss li jista' jigi mfassal dak li jikkostitwixxi reat u il-piena ghal kummissjoni ta' l-istess. Illi sahansitra l-artikolu 11 tal-UDHR (Universal Declaration of Human Rights) ighid hekk:*

*"No one shall be held guilty of any penal offence on account of any act or omission which did not constitute a penal offence, under national or international law, at the time when it was committed. Nor shall a heavier penalty be imposed than the one that was applicable at the time the penal offence was committed".*

Issa fil-kaz in dizamina huwa indubitat illi l-att li wassal sabiex il-prosekuzzjoni takkuzah taht l-artikolu 252 (1) tal-Kap 9 huwa propju ghaliex fiz-zmien ta' meta sehh l-incident, kien jikkonstitwissi reat, liema artikolu izda gie abrogat b'Att XI tal-2018. Dan huwa fatt inkontestat.

Illi fid-decizjoni **il-Pulizija vs Benny u Anna Zaffarese**, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali sahhqet illi anke fejn il-ligi il-gdida ma taghmilx ebda riserva meta b'xi emenda jigi imhassar xi reat, ghandu japplika l-artikolu 12(1) ta' l-Att dwar l-interpretazzjoni, Kap 249 tal-ligijiet ta' Malta li jistipula li:

*12.(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att iħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux:*

*(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew li ma tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;*
*(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;*
*(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew li ġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;*
*(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;*
*(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà,*

*penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel, u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda.*

Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi illi:

*"Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul."*

Madanakollu fil-kaz de quo in il-Qorti tosserva illi l-Att XI tal-2018 fl-artikolu 252 tieghu hassar dan l-artikolu tal-Kodici Kriminali minghajr rizervi.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' April, 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francine Cini**, liema kawza kienet tittrata l-istess mertu, fejn inghad:

*11. B'dan il-proviso il-malafama m'ghadiex tikkostitwixxi reat u l-istess proviso dahal fis-sehh minghajr rizervi dwar azzjonijiet kriminali pendenti ghajr ghal dawk maghmulha taht il-Ligi tal-Istampa kif hemm provdut. Issa, apparti il-kunsiderazzjonijiet*

*maghmula dwar l-ewwel imputazzjoni ghar-rigward tal-artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali li jghoddu ukoll ghall-kwistjoni in dizamina, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2009 fil-każ '***Scoppola v Italy (No.2)*** *(Grand Chamber) tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn il-Qorti rriteniet hekk:*

*'106. The Court therefore concludes that since the X v Germany decision a consensus has gradually emerged in Europe and internationally around the view that application of a criminal law providing for a more lenient penalty, even one enacted after the commission of the offence, has become a fundamental principle of criminal law.....*

*107. Moreover it observes that in prohibiting the imposition of 'a heavier penalty.....than the one that was applicable at the time of the criminal offence , paragraph 1 in fine of Article 7 does not exclude granting the accused the benefit of a more lenient sentence, prescribed by legislation subsequent to the offence.'*

***12. Igifieri, anke mill-aspett ta' piena, la darba l-fatti allegati m'ghadhomx jikkostitwixxu reat u huma soggetti ghall-proceduri civili li certament l-ezitu taghhom ma jistghax ikun ta' natura penali, isegwi li ma tistax aktar tinsab htija f'dan il-fatti anke jekk, gratia argomenti, l-malafama per se hija prosegwibbli taht is-subartikolu 49(b). Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tillibera lill-appellanta minn din l-imputazzjoni;***

Ghalhekk u ghar-ragunijiet fuq esposti, l-Qorti sejra tillibera lill-imputat mir-raba imputazzjoni.

4. **Il-Hames Imputazzjoni**

Illi lanqas ma tirrizulta l-hames imputazzjoni, b'dana li l-Qorti ser tghaddi sabiex tilliberah minn din l-akkuza tant li fl-ebda hin ma ssemma li l-imputat kkawza storbju u ghajjat fost affarijiet ohra.

**DECIDE**

Ghar-ragunijiet aktar 'il fuq imsemmija, din il-Qorti qeghda ssib lil Ronald Gerada mhux hati tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet u stante li ma gewx soddisfacentament ippruvati sal-grad rikjest mil-Ligi u ghalhekk qeghdha tilliberah minn kull htija u piena dwarhom.

Mill-banda l-ohra wara li rat l-artikoli 261, 267, 268, 279 u 281 tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti qegħda ssib lil Ronald Gerada ħati ta' l-Ewwel u Tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu izda mhux ghall-aggravju ta' hin u mezz.

IllI peress li ma jirrizultax li l-Prosekuzzjoni ezebiet il-fedina penali ta' l-Imputat, din il-Qorti qieghda tikkunsidra li l-imputat ghandu fedina penali netta u ghalhekk sejra tikkundanna lill-imputat ghall-piena

karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erbgha snin bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti spjegat din is-sentenza fi kliem car lill-imputat u l-obbligazzjonijiet tieghi skont din is-sentenza u x'jigri jekk huwa ma jonorax l-obbligi tieghu taht din is-sentenza.

**Moqrija.**

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur